

Brussell, 4 ta' Ottubru 2024
(OR. en)

14156/24
ADD 1

UK 138
ENER 482

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Ottubru 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 439 final
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l- Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment tal-Grupp ta' Fiddma dwar is-Sigurtà tal-Provvista

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 439 final.

Mehmuż: COM(2024) 439 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.10.2024
COM(2024) 439 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija stabbilit mill-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment tal-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista

DOKUMENT MEHMUŻ

Deċiżjoni Nru x/202x

TAL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR L-ENERĠIJA

STABBILIT PERMEZZ TAL-ARTIKOLU 8(1)(l) TAL-FTEHIM DWAR IL-KUMMERĊ U L-KOOPERAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-KOMUNITÀ EWROPEA TAL-ENERĠIJA ATOMIKA, MINN NAĦA WAĦDA, U R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ, MIN-NAĦA L-OĦRA

ta' x xxxx 202x

rigward l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista

IL-KUMITAT SPEĊJALIZZAT DWAR L-ENERĠIJA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra ("Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni"), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(4)(f) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2021.
- (2) L-Artikolu 8(1)(l) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jistabbilixxi l-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija. Setgħatu fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-qasam ta' kompetenza tiegħu huma stabbiliti fl-Artikolu 8(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
- (3) L-Artikolu 8(4)(f) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jagħti s-setgħa lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija biex jistabbilixxi, jissorvelja, jikkoordina u jxolji l-Gruppi ta' Ħidma.
- (4) Skont l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu, taħt is-superviżjoni ta' Kumitat, jassisti lil dak il-Kumitat fit-tweqqif tal-kompiti tiegħu u, b'mod partikolari, iħejji l-ħidma ta' dak il-Kumitat u jwettaq kwalunkwe kompitu assenjat lill-Grupp ta' Ħidma minn dak il-Kumitat.
- (5) L-Artikolu 9(3) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li kwalunkwe Grupp ta' Ħidma għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u għandu jkun kopresedut minn rappreżentant tal-Unjoni u minn rappreżentant tar-Renju Unit.
- (6) L-Artikolu 9(4) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni jipprevedi li kwalunkwe Grupp ta' Ħidma stabbilit għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura, l-iskeda tal-laqgħat u l-aġenda tiegħu stess b'konsens reċiproku.
- (7) Huwa xieraq li l-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija jistabbilixxi, skont l-Artikolu 8(4)(f) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista, biex jopera taħt is-superviżjoni tiegħu. Jenħtieġ li l-Grupp ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu. Jenħtieġ li jirrapporta regolarment dwar l-attivitajiet tiegħu lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. B'dan huwa stabbilit il-Kumitat ta' Ħidma dwar is-Sigurtà tal-Provvista.
2. Huwa għandu jistabbilixxi r-regoli ta' proċedura tiegħu fl-ewwel laqgħa tiegħu.

Artikolu 2

1. Il-Grupp ta' Ħidma għandu jiltaqa' kull meta jiġi deċiż mill-kopresidenti, bi qbil reċiproku.
2. Għandu jirrapporta r-risultati u l-konklużjonijiet tal-laqgħat tiegħu b'mod regolari lill-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kumitat Speċjalizzat għall-Enerġija

Il-Kopresidenti